KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 54

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

It-Tnejn 17 ta' Frar, 2026

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:02 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Donio Cini – Viċi Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

54.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Meli, u mill-Viċi President u Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, sabiex jinfurmana li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa minħabba li kienu jinsabu ma jifilħux .

54.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 53 li nżammet nhar il-Ħamis 29 ta' Jannar 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

54.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, sekondata mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

## 54.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart***

54.3.1 Il-President informa lill-membri kif fl-iskeda ta' pagamenti li ser tkun qed tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni waqt din il-laqgħa, ser ikun hemm il-pagament ta' kuntrattur li ser jingħata sħieħ. Hu fakkar ukoll kif bħala Reġjun qed jistennew li jirċievu risposta lura fuq il-lista bid-*defaults* li l-kuntrattur għadu jrid jindirizza sa tmiem ix-xahar ta' Frar 2026.

54.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif aktar kmieni filgħodu l-Waste Manager, Ryan Zammit, kien anke bagħat emejl b'tfakkira ġentili lill-kuntrattur flimkien ma' l-avukati sabiex jaraw li jgħatu risposta sad-data stipulata.

54.3.3 Għalsaqstant hu qal kif hu rrakomanda sabiex ir-Reġjun jgħaddi dan il-pagament sħieħ (it-tieni pagament minn ħamsa) li għandhom jitħalsu b'mod sħieħ. Hu qal ukoll kif fil-laqgħa li jmiss ir-Reġjun iressaq aġġornament sabiex ikun f'pożizzjoni aħjar li tiġi meħuda deċiżjoni.

54.3.4 ***17:07pm – Il-Kunsilliera ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, u l-Kunsillier ta' Birkirkara, is-Sur Luke Vella, waslu għal din il-laqgħa.***

## 54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

54.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa hu kien irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2026 dwar l-ikklampjar u t-

tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' imgombru. Għal din ir-raġuni hu talab lill-Dott. Zammit sabiex jispjega aħjar il-proposta tiegħu.

54.3.2 Dott. Zammit spjega dwar il-problema ta' karozzi abbandunati li jinsabu fil-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun u għamel referenza għall-Leġislazzjoni Sussidjara 65.13 li tagħti s-saħħa kemm lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lill-Kunsill Reġjonali sabiex jittieħdu l-passi neċessarji u jneħħu dawn il-vetturi mit-toroq tagħna. Hu qal kif din hija opportunità tajba sabiex ir-Reġjun jistabilixxi sistema sabiex kemm il-Kunsill kif ukoll ir-Reġjun ikunu jistgħu jieħdu l-passi neċessarji sabiex dawn jitneħħew. Hu qal kif hu kien avviċina lill-President dwar din il-proposta sabiex, jekk ikun hemm bżonn, din is-sistema tkun waħda Reġjonali u titħaddem permezz ta' kuntratt.

54.3.3 Wara li nżammet diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett kien hemm qbil sabiex il-President iġib aktar informazzjoni mingħand waħda mill-kumpanija li joffru servizz ta' irmunkar ta' vetturi u din ser tiġi ppreżentata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss sabiex tkun tistà tittieħed deċiżjoni.

## 54.5 Rapporti

54.5.1 Il-President informa kif għal din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi mressaq.

## 54.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *GREENMO Project*

54.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand Profs Maria Attard, il-Kap tad-Dipartiment tal-Ġeografija fl-Università ta' Malta, nhar il-Ħamis 12 ta' Frar 2026. L-Awtorità Maniġerjali tal-INTERREG talbet proġett ta' "test" ta' segwitu biex titmexxa l-istrateġija u tiżviluppa sett ta' għodod ta' politika. Il-proposta tinkludi dimostratur universitarju li jgħaqqad lokalitajiet fil-qrib mal-kampus permezz tat-trasport pubbliku, u tistieden lir-Reġjun biex jerġa' jingħaqad bħala *Associated Partner* mingħajr ħlas filwaqt li jibbenefika mill-għodod tal-proġett, laqgħat, u skambju ta' għarfien. GREENMO+ joffri opportunità rari biex jitkompla x-xogħol iffinanzjat fuq il-mobilità ekoloġika, u t-tim jittama fl-appoġġ u l-parteċipazzjoni tar-Reġjun.

54.6.2 Is-Sur Chircop semma l-proġett ta' *Totem Poles* li kien sar permezz ta' din il-kollaborazzjoni u kif dan il-proġett għandu jiġi approvat.

54.6.3 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

- *Quizzes*

54.6.4 Il-President spjega kif din l-attività kienet ġiet imressqa fil-baġit għal din is-sena u kif ir-Reġjun jixtieq jorganizza serje ta' kwizzijiet fil-lokalitajiet tagħna. Dawn il-kwizzijiet se jkunu dwar l-istorja u fatti ġenerali tar-Reġjun. Hu spjega kif kull kwizz se jkun immirat lejn iż-żgħażagħ b'mod partikolari, iżda se jkun miftuħ għal kulħadd biex jipparteċipa fih u l-format se jkun simili għal 'Pub Quiz'.

54.6.5 Is-Sur Chircop qal ukoll kif l-ewwel kwizz ser tkun qed tiġi organizzata fil-fiera tal-kotba Reġjonali f'April. Imbagħad ser ikunu qed jiġu organizzati ħamsa oħra fix-xhur li ġejjin. Hu fakkar li kull kwizz ser tkun tiswa €670 li jinkludi riċerka, preżentazzjoni minn personalitajiet tat-televiżjoni (Melaine Kelly u Andreana Spiteri).

54.6.6 Il-membri preżenti approvaw din l-attività.

- *Servizz ta' Arborista Reġjonali*

54.6.7 Il-President informa kif nhar it-Tnejn 2 ta' Frar, il-Maniġer Responsabbli mill-Ambjent kellu laqgħa mal-arborista li ġie mgħażul fil-laqgħa preċedenti. Hu spjega kif matul din il-laqgħa ġiet diskussa kif il-Kunsilli Lokali għandhom jgħamlu jgħamlu kuntatt mal-arborista permezz tal-mowbajl/emejl u jinkludu deskrizzjoni tal-problema, il-post, u stampi relevanti. Rapport qasir għandu jiġi kkompillat mill-Arbotista f'madwar sebgħat'ijiem.

54.6.8 Is-Sur Chircop żied jghidd kif kull Kunsill Lokali ghandu tliet opportunitajiet biex jużaw dan is-servizz u kif l-arborista ser ikun qed jikkuntattja l-awtoritajiet relevanti ladarba jkun hemm approvazzjoni mill-Kunsill. Madanakollu, l-Kunsill għandu jħallas jew joħroġ kwalunkwe permess meħtieġ.

54.6.9 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri fil-laqgħa ta' informazzjoni dwar dan is-servizz li ser tinżamm nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2026, fil-5 ta' filgħaxija, onlajn.

- *Workshop - Platti tas-Smid*

54.6.10 Il-President ressaq it-talba sabiex, għat-tielet sena konsekuttiv, dan ir-Reġjun ser jorganizza żewġ *workshops* dwar il-Platti tas-Smid li ser jinżamm fit-23 u 25 ta' Marzu 2026.

54.6.11 Hu żied jgħid kif dawn il-*workshops* jintlaqgħu tajjeb u huma popolari ħafna. L-ispiża ser tkun ta' €400.00.

54.6.12 Dawn il-workshops dejjem jintlaqgħu tajjeb u huma popolari ħafna. L-ispiża hija ta' €400.00.

54.6.13 Il-membri preżenti approvaw li dawn il-*workshops* jerġgħu jinżammu.

- *Avveniment - Ħamis ix-Xirka*

54.6.14 Il-President informa kif ir-Reġjun qed jipproponi li jiġi organizzata *mini van* għal nhar il-Ħamis 2 t'April 2026 sabiex dawk interessati jkunu jistgħu jżuru wirjiet, knejjes u attrazzjonijiet oħra relatati mal-Ġimgħa Imqaddsa. Għal din l-attività jistgħu jkunu preżenti kemm residenti fi ħdan ir-Reġjun kif ukoll oħrajn minn barra r-Reġjun sabiex ikollhom opportunità li jiġu u jaraw dak li qed jiġi offrut fil-lokalitajiet tagħna. L-Ispiża għal din l-attività ser tkun ta' €1,155.50 li tkopri l-mini bus ta' 18 seater, videographer u photographer.

54.6.15

Il-President semma kif is-sena li għaddiet, meta kienet ġiet imressqa din l-idea waqt il-laqgħa tar-Reġjun, kien hemm min ma kienx qabel ma din l-idea minħabba l-għażla tal-ġurnata li jaf kienet taħbat ma' avvenimenti oħra organizzata mill-Kunsilli Lokali stess. Hu spjega kif l-intenzjoni ta' din l-attività ser tkun qed twassal lil dawn li jixtiequ jattendu madwar erbgħa lokalitajiet u n-nies ikunu liberi jmorru

54.6.16 fejn iridu waqt kull waqfa.

54.6.17 Il-membri preżenti approvaw dan l-avveniment.

- *Direttorju tal-Ġimgħa Imqaddsa*

54.6.18 Il-President informa kif, marbut mat-tema ta' l-Għid, il-Maniger Kulturali, is-Sur James Hamberger, ser ikun qed jikkomunika mal-Kunsilli Lokali sabiex jiġbor l-avvenimenti marbuta ma' dan iż-żmien biex ikun hemm kollox f'dokumenti ieħor onlajn u għal din ir-raġuni hu talab il-kooperazzjoni tal-Kunsilli Lokali kollha.

- *Intergenerational Project – Arts Council RCCP 2026*

54.6.19 Il-President informa lill-membri kif il-Kunsill ta' l-Arti qed jerġa joffri opportunità ta' finanzjament għar-Reġjun u fakkar kif, fis-snin preċedenti, dan il-fond intuża s-sena l-oħra ħabba c-*Chapel Trail* u s-sena ta' qabel għal *Eastern Cultural Tour* fis-sena tal-Kutura 2024.

54.6.20 Il-President informa kif din is-sena r-Reġjun jixtieq li tiġi sottomessa proposta għall-proġett intergenerazzjonali. Qed nipproponu li t-tema tal-proġett – It-Triq tan-Nofs – fejn permezz ta' inizjattivi differenti, se nimmiraw biex nilħqu żgħażagħ ta' bejn it-13 u 19-il sena u l-komunità anzjana.

54.6.21 Is-Sur Chircop żied jgħid kif għal dan il-proġett ir-Reġjun għandu joħroġ sejħa pubblika għall-artisti biex jieħdu sehem kif ukoll għandha tinħareġ sejħa għal Direttur Artistiku biex imexxi dan il-proġett. Numru ta' inizjattivi proposti jinkludu workshops dwar l-iżvilupp ta' logħob – li ż-żgħażagħ iqattgħu l-ħin fil-każini lokali tagħhom permezz ta' lejliet ta' stand up comedy, quiz nights, lejliet akustiċi u lejliet ta' open mic. – workshops li jippromowu t-trasferiment tal-ħiliet bejn il-ġenerazzjonijiet.

54.6.22 Il-membri approvaw din l-idea sabiex tkompli tiġi żviluppata mill-Maniġer tal-Kultura.

- *Aġġornament fuq il-proġett - lVANt*

54.6.23 Il-President spjega kif wara l-punti li tqajmu fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun, hu xtaq li jiġu mressqa żewġ għażliet ta' kif nistgħu nimxu 'l quddiem. Wara li ġew spjegati dawn l-għażliet, il-membri preżenti kellhom diskussjoni fit-tul dwar dan il-proġett.

54.6.24 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex għal din is-sena l-preparazzjonijiet ikomplu kif kienu pjanati bis-Sur Daniel Cauchi bħala d-Direttur Artistiku għal dan il-proġett. Madanakollu, kif il-programm ta' din is-sena jkun konkluż, ir-Reġjun għandu jgħamel *postmortem* ta' dan il-proġett sabiex minn hemm ikun hemm direzzjoni dwar kif il-proġett ser jitkompla fis-snin li ġejjin.

- *Aġġornament fuq ir-Regional Football Tournament 2026*

54.6.25 B'referenza għal dan l-avveniment, il-President informa kif id-data ser tkun is-Sibt 11 ta' April 2026. Id-Data magħżula originali kellha tinbidel minħabba li kienet ser taħbat ma Festa Fjrui li tkun organizzata mill-Kunsill Lokali ta' l-Iklin. Sibna u assigurajna sponsor għall-ilma sabiex din l-ispiża tkun koperta. Filfrattemp qed infittxu aktar sponsors.

- *Kwotazzjonijiet*

54.6.26 Il-President ressaq kwotazzjonijiet miġbura mill-uffiċċju amminustrattiv għall-approvazzjoni tal-membri preżenti. Liema kwotazzjonijiet kienu ġew mgħoddija għall-attenzjoni tal-membri qabel din il-laqgħa.

54.6.27 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex jiġu ordnati tabelli tal-PVC li ser jitwaħlu ma kull sit fi ħdan ir-Reġjun biex permezz tiegħu jkun hemm informazzjoni dwar il-VR tour abbinat ma dak il-post.

54.6.28 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni mingħand Logografix għal prezz ta' €968.00.

54.6.29 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet għal servizz ta' *videography* għall-attività ta' Ħamis ix-Xirka.

54.6.30 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni mingħand CDem Visuals għal prezz ta' €649.00

54.6.31 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet għal servizz ta' *videography* għal Football Regional Tournament 2026.

54.6.32 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni mingħand CDem Visuals għal prezz ta' €1,003.00

54.6.33 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet għal servizz ta' First Aid għar-Regional Football Torunament.

54.6.34 Il-membri preżenti l-orħos kwotazzjoni mingħand Mediforce għal prezz ta' €1,699.00.

54.6.35 Il-President informa kif sabiex l-laqgħat jibdew jkunu streamed onlajn u jkunu *on demand* ukoll. Hu spjega kif dwar dan kellha tinżamm laqgħa ma' l-Assitent Direttur, Karen Camilleri, pero din il-laqgħa kellha tiġi posposta għall-ġurnata oħra minħabba urġenza li kellha s-Sa Camilleri. Hu qal kif għal din ir-raġuni, din il-kwotazzjoni ser tinżamm *on hold* sakemm tinżamm din il-laqgħa u r-Reġjun jingħata direzzjoni.

54.6.36 Il-President spjega kif, fl-opinjoni tiegħu, li r-Reġjun qed iżomm il-laqgħat barra mill-uffiċċju, din mhux xi ħaġa daqshekk faċli li ssir.

54.6.37 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, staqsa jekk Reġjuni oħra jżommux il-laqgħat tagħhom fl-uffiċċini tagħhom.

54.6.38 Il-President ikkonferma li dan kien l-unika Reġjun li jżomm il-laqgħat tar-Reġjun kull xahar barra mill-uffiċċju.

54.6.39 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Zammit, żied jgħid kif ħadd mir-Reġjuni mhu qed jgħamlu onlajn streaming u l-għażla ta' l-*on demand* tal-laqgħat uffiċċjali tar-Reġjun.

54.6.40 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat kif bil-liġi dawn il-laqgħat iridu jibdew jixxandru *onlajn* kif ukoll ikunu *on demand* pero apparti li hemm problema ta' *set up* li trid issir kull xahar peress li l-laqgħat ma jinżammux l-uffiċċju, din kellha ssir proġett pilota mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, u b'hekk dan ir-Reġjun qatt ma pproċeda.

54.6.41 Il-President għamel referenza għall-proġett pilota li dan ir-Reġjun kien ser jgħamel dwar l-Inteliġenza Artifiċċjali (AI) mal-Kunsilli Lokali flimkien mal-Fakultà ta' l-ICT mill-Università ta' Malta sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jużaw dan il-proġett bħala assignment fil-kors tagħhom. Hu spjega kif dan il-proġett pilota kien twaqqaf minħabba Segretarju Eżekuttiv li kien informa li kien hemm instruzzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li ser ikun hemm proġett pilota dwar dan. Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop staqsa jekk kienx sar xi ħaġa dwar dan. Hu qal ukoll kif wara li kien tkellem Segretarju Eżekuttiv wieħed, kienu qamu oħrajn fejn espremew l-istess opinjoni.

54.6.42 Wara li s-Sindki preżenti kkonfermaw li ma kien sar xejn dwar dan, il-President kompla jispjega kif dan il-proġett pilota li kien ser isir mir-Reġjun kien fi żmien opportun meta l-istudenti kienu għadhom biċ-ċans li jgħażlu dan il-proġett bħala l-*assignment* tagħhom. Il-President informa kif dwar dan kien hemm korrispondenza sħieħa fejn il-Kunsilli Lokali kienu kollha nfurmati.

54.6.43 Il-membri preżenti espremew li ma kienux infurmata b'dan il-proġett. Madanakollu l-President fakkar kif din kienet ġiet imressqa u diskussa fil-laqgħat tar-Reġjun kif ukoll kienet intbagħtet komunikazzjoni fuq il-*generic email* tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun bis-Sindki, rappreżentanti u Segretarji Eżekuttivi ikkupjati f'din il-komunikazzjoni.

54.6.44 Is-Segretarju Eżekuttiv leħqet sabiex il-korrispondenza kollha u nfurmat lill-membri bl-informazzjoni kollha relatata ma' dan, fejn ikkonfermat kif din il-komunikazzjoni kienet mibgħuta lill-Kunsilli Lokali, Sindki, rappreżentanti, u Segretarji Eżekuttivi.

54.6.45 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, fakkar li meta kien tqajjem dan is-suġġett, ir-Reġjun kien iddeċieda li jieħu nota tad-direzzjoni li kienet mgħotija lilu mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali pero r-Reġjun għandu jkompli jaħdem fuq proġetti relatati.

54.6.46 Il-President insista diversi drabi li hu qatt ma kien ta direzzjoni sabiex dan il-proġett jiġi abbandunat u kif issa kien tard wisq sabiex ir-Reġjun ikompli dan il-proġett ma' l-Università.

54.6.47 Is-Segretarju Eżekuttiv leħqet sabet il-komunikazzjoni kollha relatata ma' dan is-suġġett, mibgħuta f'Novembru 2025 u fakkret ukoll kif kienet inżammet laqgħa oħra mal-Profs Montebello fil-preżenza tal-President u l-Manigers kollha fi ħdan ir-Reġjun sabiex jiġu diskussa proġetti oħra li jistgħu jsiru bejn ir-Reġjun u l-istudent. Hi qalet ukoll kif wara din il-laqgħa kien hemm qbil sabiex hu jivverifika liema mill-ideat imressqa jinteressaw lill-istudenti, sabiex ikun hemm din il-kollaborazzjoni peress li konna għadna fi żmien opportun sabiex dan jistà jsir.

54.6.48 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll kif kienet intbagħtet komunikazzjoni għal direzzjoni lis-Sur Chris Galea dwar dan is-suġġett fejn hu kien informa li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kien fi process li joħroġ sejħa ta' offerti fuq dan il-proġett u b'hekk ir-Reġjun ma kienx ipproċeda bl-istess idea oriġinali.

54.6.49 Il-President qal kif id-deċiżjonijiet li jiġu meħuda waqt il-laqgħat tar-Reġjun m'għandhomx għalfejn imorru nieħdu direzzjoni mingħandhom.

54.6.50 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li komunikazzjoni lis-Sur Galea kienet intabgħatet mill-Maniger ta' l-Ambjent wara li kienet inżammet laqgħa bejn il-President, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer dwar dan is-suġġett. Hi spjegat li ħadd mill-uffiċċju amministrattiv, ħadd ma kien ħa deċiżjoni mingħajr ma kien hemm konsultazzjoni qabel u qbil dwar dak li għandu jsir. Hi fakkret ukoll kif dan is-suġġett kien tqajjem wara li kien inżamm seminar mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali lill-Manigers tar-Reġjun, fejn kien hemm ukoll preżenti hi kif ukoll il-President.

54.6.51 Il-President fakkar li meta dan ir-Reġjun kien mexxa mad-direzzjoni mgħotija mill-istess persuna mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dan ir-Reġjun kien spiċċa b'kumment mill-NAO li dan ir-Reġjun kien spiċċa s-sena finanzjarja b'*defecit*. Hu qal kif dan ir-Reġjun m'għandux għalfejn joqgħod jikkonsulta mad-DLG u dak li jiġi deċiż mir-Reġjun għandu jinżamm.

54.6.52 Dott. Zammit staqsa jekk dan il-proġett jistax isir is-sena d-dieħla.

54.6.53 Il-President qal kif dis-sena kien ġa tard wisq. Madanakollu ser jivverifikaw jekk għadx hemm opportunitajiet oħra u jingħata aġġornament fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Whiterocks – Aġġornament*

54.6.54 B'referenza għal dan is-suġġett, il-President informa kif wara l-aħħar laqgħa l-Maniġer ta' l-Ambjent, Andrea Borg Brincat, kienet ġabret il-kummenti mis-Sindki jew rappreżentanti tal-Kunsilli fi ħdan ir-Reġjun u kif dawn kienu kollha ġew mgħoddija lill-Perit tar-Reġjun sabiex id-dokumentazzjoni bil-proposti tiġi ffinalizzati qabel tkun ippreżentata b'mod uffiċċjali.

54.6.55 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Zammit, informa kif il-lokalità tiegħu ser ikollha laqgħa skedata minn Project Green sabiex tiġbor il-kummenti tar-residenti u b'hekk ma kienx f'pożizzjoni li jressaq il-kummenti f'isem il-lokalità tiegħu.

54.6.56 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni ppreżentata mill-Perit tar-Reġjun sabiex hu jkun jistà jkompli jaħdem fuq din il-proposta.

54.6.57 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, din il-kwotazzjoni ġiet approvata u għal din ir-raġuni ser tkun qed tinżamm laqgħa mal-Perit sabiex ikun hemm pjant ta' ħidma dwar dan.

- *Skema Finanzjarja – Milied 2025.*

54.6.58 B'referenza għal din l-iskema, il-President informa kif għalkemm l-istruzzjonijiet marbutin ma' din l-iskema kienu ċari u xejn ġdid minn dak li kien mitlub fis-snin preċedenti, kien għad hemm numru ta' Kunsilli Lokali li ma kienux isottomettew id-dokumenti mitluba sabiex jingħata r-rimbors ta' ħlas. Hu spjega wkoll kif l-uffiċċju amministrattiv kien bagħat diversi *reminders* kemm b'emejls kif ukoll fuq il-whastapp chatgroups u anke fil-laqgħat tar-Reġjun u anke dawk li nżammu mas-Segretarji Eżekuttivi.

54.6.59 Kien hemm qbil sabiex id-dokumenti jridu jiġu sottomessa sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026. Jekk ikun hemm Kunsilli li ma jissottmottu xejn sad-data stipulata, kien hemm qbil sabiex ikun hemm tnaqqiż fl-ammont allokat.

- *Ħamiem*

54.6.60 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, xtaq jitlob direzzjoni dwar il-komunikazzjoni li l-Kunsilli Lokali kienu rċievew dwar il-problema tal-ħamiem.

54.6.61 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan is-suġġett, kien hemm qbil sabiex il-Kunsilli Lokali ma jweġbux din il-komunikazzjoni. Kien hemm qbil ukoll sabiex ir-Reġjun jipprepara tagħrif edukattiv sabiex ikun ippublikat fuq il-mezzi soċjali biex jgħinu fi tnaqqis fin-numru tal-ħamiem.

- *Kunsill Lokali Pembroke*

54.6.62 Is-Sindku ta' dan il-Kunsill, Dott. Zammit, ressaq applikazzjoni li l-Kunsill jixtieq jissottometti flimkien mar-Reġjun għal fond għall-ippjanar tal-iżvilupp sabiex ikun jistà jibbenifika mill-fondi kollha.

54.6.63 Hu spjega kif il-Kunsill jinsab fil-proċess li japplika għal dawn il-fondi sabiex isir *upgrading* ta' żona off Triq Martin Luther King, biex tiġi żviluppata *BBQ area* inkluż faċilitajiet anċillari, u għaldaqstant qed jitolbu l-appoġġ tar-Reġjun.

54.6.64 Il-membri approvaw din it-talba.

## 54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

54.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

54.7.2 Is-Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur John Pillow, sekondat mis-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 51A u 51B.

54.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 54.8 Mozzjonijiet

54.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 54.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

54.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:06 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2026, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 24 ta' Marzu, 2026.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv